

Anton Vella

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?

# OBBLIGU LI NĦARSU SAĦĦET IL-ĦADDIEM

L-ewwel nett nerġa' nieħu din l-okkażjoni sabiex infakkar li bħalissa, skont l-aħħar statistika tal-NSO, insibu rreġistrati f'pajjiżna xejn inqas minn 71,000 entità ta' negozju. Minn dawn hemm mal-46,000 li huma attivi u magħhom jimpjegaw aktar minn 188,000 impjegat.

Mill-aħħar statistika li rnexxieli niġbor jirriżulta wkoll li 50,000 minn fost il-188,000 impjegat insibuhom jaħdmu f'negozji li jaqgħu taħt il-kategorija ta' *micros*, jiġifieri li jħaddmu inqas minn 10 persuni.

Iżda kemm ninsabu ċerti jekk l-istess ħaddiema humiex qed jiġu protetti u mħarsa minn inċidenti fuq il-post tax-xogħol? Kemm hawn *employers*, sidien ta' negozji, li jafu eżattament kif għandhom jirregolaw irwieħhom sabiex ikunu konformi ma' dak li jassigura s-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol ?



### Għad hemm min ma jagħtix kas

Waqt proċess ta' ftuħ ta' negozju ġdid, kif ukoll fil-mumenti li n-negozju jkun diġà miftuħ, u jkun qed joffri s-servizzi u prodotti tiegħu lill-konsumatur, għad għandna min ma jagħtix kas sabiex jassigura li jkun konformi mal-liġijiet tal-pajjiż fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. F'ħafna mill-każi, dan jiġri frott it-traskuraġni, u għalhekk hu importanti li ma nieqfu qatt nisħqu fuq l-importanza ta' dan is-suġġett.

F'pajjiżna għandna l-biċċa l-kbira ta' min iħaddem, u sidien ta' negozji, li jafu eżattament kif għandhom jevitaw riskji ta' inċidenti żejda fost in-nies tax-xogħol tagħhom; iżda huwa fatt ukoll li għalkemm dawn l-*employers* jafu li jeżistu l-liġijiet, u li minn żmien għal żmien jiġu mfassla regolamenti ġodda, għad hawn min ma jsibx il-ħin li jaġġorna ruħu ma dawn kontinwament u, mingħajr ma jrid, jispiċċa jkun qed jopera n-negozju tiegħu f'riskju u saħansitra ma jkunx protett mill-istess leġiżlazzjoni.

B'riżultat ta' dan, sfortunatament, kuljum fil-bulettini tal-aħbarijiet nisimgħu b'inċidenti li jiġru fuq il-post tax-xogħol. Inċidenti li, nerġa' ngħid, sfortunatament, uħud minnhom ikunu fatali. Hu dan johroġ mill-fatt li fl-aħbarijiet jiġu rappurtati l-aktar dawk l-inċidenti li jkunu ħallew konsegwenzi gravi. Irridu nżommu f'moħħna li kuljum jiġru mijiet ta' inċidenti oħrajn, li lanqas biss inkunu nafu bihom.

Hija ħasra li, minbarra li bosta familji jkollhom jgħaddu minn trawma sakemm jirkupraw minn dawn l-inċidenti, hemm ukoll l-aspett tal-konsegwenzi li jiġu fuq l-*employer*, li jistgħu jirrovinawlu kull pjan ta' investiment li jkun fassal għan-negozju tiegħu. Inċidenti fuq il-post tax-xogħol jista' jkollhom konsegwenzi koroh ħafna fuq in-negozju. Hemm proċeduri legali li jekk is-sid tan-negozju jinstab ħati ta' negliġenza, u nuqqas ta' konformità mal-liġijiet eżistenti, jista' jidħol f'inkwiet kbir u saħansitra jista' jasal f'punt fejn ikun ukoll kostrett jagħlaq il-bibien tan-negozju tiegħu.

Mhux dejjem l-inċidenti jseħħu tort ta' xi nuqqasijiet mill-*employers*, anzi naħseb li f'ħafna mill-każijiet l-*employer* Malti hu meqjus bħala wieħed sensittiv għal dan is-suġġett, u bħala regola nsibu li jimxi b'konformità mar-regoli u jagħmel minn kollox sabiex jieħu ħsieb saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol.

Iżda huwa fatt li hemm uħud li għadhom ma humiex jirrealizzaw x'riskji kbar qegħdin jieħdu meta ma jfittxux li jserrħu rashom minn inkwiet żejjed li jista' jiġi fuqhom bla ħsieb.

### L-ikbar investiment għandu jkun fin-nies

Huwa essenzjali li ma nekonomizzawx fejn tidħol saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. Mhux biżżejjed li wieħed jarma l-istabbiliment tiegħu b'apparat għal kontra ħruq, u jassigura li f'kull rokna tal-ħanut tiegħu ma jeżistix periklu, iżda llum jeħtieġ li nimxu pass ieħor 'il quddiem. L-akbar riżors għan-negozjant, mhuwiex il-prodott jew is-servizz li qed joffri, iżda huwa l-istess sid innifsu u l-ħaddiema li qed iħaddem miegħu. L-akbar investiment għandu jkun fin-nies, u għalhekk għandu jsir minn kollox biex l-istess bniedem ikun protett u salvagwardjat minn kull periklu. Illum saħansitra jeżistu korsijiet sabiex kemm l-*employers* kif ukoll il-ħaddiema jkunu mħarrġa f'każ ta' inċidenti, u jkunu jafu eżattament x'inhuma d-doveri u d-drittijiet tagħhom fejn tidħol saħħa fuq il-post tax-xogħol.

L-MEA, jew aħjar, kif jafuna ħafna nies, l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, minn dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex teduka u twassal l-aħħar informazzjoni lil sidien ta' negozji dwar x'inhuma l-aħħar żviluppi fir-regolameti li jirregolaw saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol. Illum, aktar minn qatt qabel, dejjem lesti li nkunu ta' spalla ma' dawk l-*employers* li lesti li jikkonformaw mal-liġijiet eżistenti, sabiex b'hekk ma jiħdux riskji bla bżonn. Permezz tal-SME Helpdesk tagħna, bħalissa qed isiru laqgħat ma' diversi entitajiet li jirregolaw dan is-settur, u għalhekk l-*employers* li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar din il-materja huma mistiedna li jikkomunikaw magħna, u aħna nagħmlu l-għalmu tagħna kollu sabiex nissupplixxu l-informazzjoni meħtieġa.

### Mhux mertu, iżda obbligu

Imprenditur u *employer* tajjeb mhuwiex dak biss li hu kapaċi jmexxi n-negozju tiegħu 'il quddiem, iżda *employer* għandu jiddistingwi ruħu wkoll fl-atteġġjament, fis-sensittività, u prekawzjonijiet li jkun lest li jieħu, sabiex jipproteġi lill-istess impjegati tiegħu, lilu nnifsu, kif ukoll il-konsumaturi klijenti tiegħu. Wara kollox dan mhuwiex biss xi mertu, iżda huwa wkoll obbligu fuq l-*employer* li jħares saħħet il-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol.

Kemm jekk int tmexxi negozju, kif ukoll jekk int ħaddiem impjegat, tajjeb li tkun taf li teżisti l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHSA), entità nazzjonali responsabbli li tiżgura li jkun salvagwardjat il-ġid fiżiku, psikoloġiku u soċjali tal-ħaddiema kollha fil-postijiet tax-xogħol, fosthom billi tara li l-livell ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà huma miżmuma kif stabbiliti mil-liġi u tieħu azzjoni eżekuttiva. Fost funzjonijiet oħra, l-OHSA tara li jingieb 'il quddiem it-tkattir ta' informazzjoni, taħriġ u tagħlim dwar is-suġġett.

*Prevention is better than cure*, ngħidu bl-Ingliż, u għalhekk huwa importanti li naħsbu għal kollox qabel ma nesperjenzaw l-inċidenti. Bl-Ingliż inħobbu ngħidu wkoll li *better late than never*, u għalhekk nappellaw li ma nħallux għal għada dak li nistgħu nagħmlu llum u nkunu proattivi. Negozjant bil-għaqal jagħraf jibża' għall-impjegati tiegħu, u jien persważ li jekk int, qarrej ta' dawn il-kolonni, int wieħed minn dawk il-ftit li sal-lum kien għadek ma rrealizzajtx biżżejjed x'riskji qed tieħu, minn għada għandek tagħmel kuraġġ u b'konvinzjoni taġixxi għall-ġid tiegħek u ta' madwarek.

**Facebook : www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation**

**Jekk tixtieq tagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) tista' tagħmel dan billi ċċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Tista' wkoll tibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew tuża t-24/7 *helpline* 2122 2006 billi ċċempel u tħallilna ismek sabiex fl-iqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħek.**

**Grazzi talli tajtni l-opportunità li nitkellem miegħek. Nibqgħu niltaqgħu b'artikli oħra simili fil-ġimgħat li ġejjin. Jekk tixtieq tgħaddili xi suġġerimenti u proposti għal dan l-artiklu nitolbok biex tikkomunika miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwiegħdek li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakx.**